# ID-DAWL

JANNAR 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 85

**"Dawk li jgħaddu s-sigħat tal-lejl fit-talb lil Sidhom—il-Mulej, mixħutin fl-art u bilwieqfa."**




L-Aħħar Lejl tas-Sena | Iż-Żjara lill-Morda | Festa ta' Ġenerożità | Prinċipju għall-Paċi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-aħħar lejl tas-sena

*Ħin għar-Riflessjoni, it-Talb u l-Iżvilupp Spiritwali*

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Fil-prietka tiegħu tal-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2016, il-Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Khalifatul-Masiħ V (jalla Alla jkun l-Ajjutant tiegħu) ħeġġiġna biex nevitaw il-festeġġjamenti fiergħa ta' lejlet l-Ewwel tas-Sena u, minflok, nilqgħu s-sena l-ġdida bil-meditazzjoni u t-talb. Huwa qal:

"Il-bnedmin tad-dinja—kemm dawk li huma Musulmani kif ukoll dawk li mhumiex—iqattgħu l-ġranet, ix-xhur u s-snin f'konfużjoni u kaos iħabirku bla waqfien biex jiksbu sodisfazzjon materjalistiku. Huma jieħdu sehem f'ħafna tipi ta' attivitajiet fil-bidu tas-sena, li tibda fl-ewwel ta' Jannar. Speċifikament, fil-Punent u fil-pajjiżi żviluppati, kull tip ta' diżordni u taħwid iseħħ fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar. Ħafna nies jibqgħu mqajmin sa nofsillejl, pjuttost, il-lejl kollu biex jiċċelebraw billi joqogħdu jixorbu, jiżfnu u jkantaw. Prattikament, jagħlqu s-sena ta' qabel fil-frugħa u l-immoralità, u jibdew is-Sena l-Ġdida bl-istess mod.

Ħafna min-nies għamew mill-għajn spiritwali tagħhom, u għalhekk il-vista tagħhom ma tilħaqx il-profondità tal-vista ta' wieħed li jemmen. Ikun jixraq għall-kredent li jiskansa dawn l-attivitajiet frivoli u jesprimi n-nuqqas ta' interess fihom. Mhux hekk biss, iżda għandu jagħmel pass 'il quddiem billi jirrifletti fuq is-sena li tkun għaddiet u janalizza: **X'tat din is-sena u x'ħadet? X'akkwistajt tul is-sena, u xi tlift?**

## ID-DAWL

JANNAR 2025 – Numru 85– Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

The last night of the year 02
Visiting the sick 04
Generosity 05
Cardinal principle for peace 06
Direction of the World 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Ayman Zaid | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira



Wieħed kredent għandu jirrifletti fuq il-kisbiet u t-telfiet tiegħu ta' matul is-sena minn perspettiva materjalistika; kif tjiebet il-ħajja materjali tiegħu? Għandu jevalwa wkoll il-kisbiet u t-telfiet tiegħu minn perspettiva spiritwali u reliġjuża...

Għaldaqstant, jekk inqattgħu l-aħħar lejl tas-sena u l-bidu tas-Sena l-Ġdida bir-riflessjonijiet u bit-talb, hemmhekk verament inkunu qed inħejju ruħna għall-ħajja li jmiss. Min-naħa l-oħra, inkunu qed inġarrbu telfa sinifikanti, u ma niksbu kważi xejn, jekk nibdew is-Sena l-Ġdida b'ħafna awguri fiergħa u konversazzjonijiet temporali. Jekk, wara ċertu ħsieb, nintebħu li għad baqgħalna ħafna nuqqasijiet, u li l-analiżi tagħna ma tatniex riżultat sodisfaċenti, mela għandna nitolbu li s-sena li tkun għadha ġejja ma tkunx bħal dik li tkun għaddiet, f'termini ta' dgħufija spiritwali. Pjuttost, jalla li kull pass li nagħmlu jgħinna biex niksbu s-sodisfazzjon ta' Alla Omnipotenti." (*Al-Fazl*, Jannar 20, 2017)

# Iż-żjara lill-morda



"La d-dgħajfin, la l-morda, u lanqas dawk li ma jsibux (ġid) x'jonfqu, jekk huma sinċieri ma' Alla u mal-Mibgħut tiegħu (*u jagħmlu għemejjel tajba*), ma għandhom ebda ħtija. M'hemm ebda raġuni ta' tmaqdir kontra dawk li jagħmlu l-għemejjel tajba; u Alla huwa l-Aktar li Jaħfer, Ħanin ." (Il-Koran, 9:91)

"Ma hemm ebda ħtija fuq l-agħma, u la fuq iz-zopp, u lanqas fuq il-marid (*jekk ma joħorġux jitqabdu mal-bqija tal-Musulmani*). U min jobdi lil Alla u lill-Messaġġier Tiegħu, Huwa jdaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom; iżda min jagħtih dahru, Huwa jagħtih kastig ta' wġigħ." (48:18)

Ħażrat Abu Ħurairah[ra] jirrakkonta li l-Profeta[sa] ta' Alla qal: "Għal kull min iżur il-morda, sejjieħ jgħajjat mis-Sema, u jgħid, 'Inti mill-aqwa u hekk hija wkoll l-imġiba tiegħek, u bnejt post fil-Ġenna għalik.'" (*Sunan Ibn Majah, Kitab al-Jana'iz*)

"Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] żar raġel [li kien marid] u qallu: 'X'tixtieq?' Huwa wieġeb, 'Nixtieq ħobż qamħi.' Il-Qaddis Profeta[sa] qal, 'Kull min għandu l-ħobż qamħi, għidulu jibagħtu lil ħuh.' Imbagħad il-Qaddis Profeta[sa] qal, 'Kull meta xi ħadd marid fostkom ikun jixtieq xi ħaġa, agħtuhielu.'" (*Sunan Ibn Majah, Kitab al-Tibb*)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], sliem għalih, kien iżur il-morda regolarment u kien jitlob għalihom ukoll. Ħażrat Aisha bint Saad[ra] tirrakkonta li missierha, Ħażrat Saad[ra] qal: "Imradt f'Mekka. Il-Messaġġier ta' Alla[sa] ġie jżurni. Qiegħed idu fuq ġbini, missli sidri u żaqqi, u mbagħad qal, 'O Alla tagħna! Fejjaq lil Saad u ħallih ikompli fi triqtu.'" (*Sunan Abi Dawud, Kitab al-Jana'iz*)

# Festa ta' Ġenerożità 2025



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod sħiħ fl-attività għall-ġbir ta' fondi organizzata mid-Dar tal-Providenza fl-Ewwel tas-Sena 2025. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana serviet ikel tradizzjonali matul il-ġurnata; u għenet billi wieġbet it-telefonati waqt l-attività li rnexxielha tiġbor somma sabiħa għad-Dar tal-Providenza—dar għall-persuni b'diżabilità.



Q&A

# X'inhu l-prinċipju kardinali għall-paċi dinjija?

F'wieħed mid-diskorsi tiegħu, huwa ppreżenta prinċipju sempliċi iżda tad-deheb mgħallem mill-Fundatur tal-Iżlam[sa]. Huwa qal:

Matul il-ħajja tiegħu, il-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], sejjes, bi ftit kliem, il-pedamenti għall-paċi fid-dinja u bejn in-nazzjonijiet.

**Il-Profeta tal-Iżlam[sa] stqarr li persuna għandha tixtieq għal ħaddieħor dak li tkun tixtieq għaliha nnifisha.**

Jiena nemmen li dan il-prinċipju kardinali jgħodd ħafna għal-lum daqskemm kien jgħodd għall-imgħoddi. Bla dubju, kull persuna tixtieq li tgħix fis-sliem u tkun eżentata mill-ansjetajiet u l-inkwiet kollu. Kull persuna tittama li hu jew hi jkollha l-mezzi biex tgħix komda u mingħajr tbatija. Kull persuna tfittex li tgħix il-ħajja b'mod san ħalli tkun tista' tgawdi ħajjitha mingħajr uġigħ u diffikultajiet. Kull persuna tixtieq li jkollha pożizzjoni tajba fil-komunità u li jkollha r-rispett ta' kulħadd. Hekk ukoll, kull gvern u kull nazzjon ifittex din il-prosperità. Madanakollu, kemm hawn nies jew nazzjonijiet li verament jixtiequ l-paċi, il-prosperità u s-suċċess għall-oħrajn?

F'termini ta' dikjarazzjonijiet verbali, huwa faċli li wieħed jistqarr "Iva aħna nixtiequ l-ġid tal-oħrajn", madanakollu fil-prattika dan huwa ħafna aktar diffiċli biex jitwettaq. Kull meta jkun hemm kunflitt ta' interess, ħafna nies għandhom it-tendenza li l-ewwel jieħdu ħsieb l-interessi u l-ġid tagħhom qabel il-jeddijiet ta' ħaddieħor.

Dan huwa minnu fuq livell individwali kif ukoll fuq livell kollettiv u nazzjonali. Illum, aktar milli altruwiżmu, sfortunatament naraw aktar egoiżmu. Ħafna nies u pajjiżi jqiegħdu l-ewwel id-drittijiet tagħhom u mal-ewwel ikunu lesti li jkagħbru u jiddegradaw il-jeddijiet ta' ħaddieħor biex jissodisfaw l-għanijiet u l-ambizzjonijiet tagħhom.

Fejn tirrigwarda d-dinja Musulmana, huwa minħabba li l-mexxejja u n-nies warrbu t-tagħlim ġenwin tar-reliġjon tagħhom [l-Iżlam] li

issa huma maħkuma minn firda u ferment ikrah. Fi kliem sempliċi, il-mexxejja fallew fid-dmirijiet tagħhom li jipproteġu n-nies tagħhom u, għalhekk, elementi ribellużi wkoll tbiegħdu minn dak li hu sewwa u ġust.

Aktar minn hekk, minflok ma jimxu fid-direzzjoni ta' ġustizzja u integrità, rajna kemm-il darba li l-qawwiet kbar fid-dinja moħħhom biss biex jissodisfaw l-interessi tagħhom. Huma jiddeċiedu biex jgħinu lill-gvernijiet Musulmani jew il-gruppi tal-oppożizzjoni mhux minħabba dak kollu li hu sewwa u ġust, iżda skont liema naħa taqdi l-aħjar l-interessi tagħhom.

Madanakollu, skont l-Iżlam, ix-xewqa u l-motivazzjoni tagħna biex nissodisfaw l-interessi tagħna għandhom dejjem ikunu jaqblu max-xewqa u l-motivazzjoni tagħna biex inħarsu l-jeddijiet u l-interessi tal-oħrajn. Jekk wieħed jaġixxi hekk, mela dan ikun il-prinċipju tad-deheb li jiftaħ il-bibien għall-vera paċi u sigurtà...

Aktar minn hekk, nerġa' ngħid li d-dinja tal-Punent mhijiex innoċenti u sta għalihom li jwarrbu l-interessi personali tagħhom u li jaħdmu bla interess għal ġejjieni aħjar u isbaħ għal uliedna u għall-ġenerazzjonijiet li jmiss. Jekk il-politika tkun imfassla fuq il-pedamenti sodi tal-ġustizzja u l-integrità, mela awtomatikament il-kunflitti li ħakmu lid-dinja jistgħu jiġu solvuti mingħajr ma wieħed ikollu bżonn li jirrikorri għall-vjolenza, tixrid ta' demm u moħqrija. Jekk verament nixtiequ l-paċi fi żmienna mela rridu naġixxu b'ġustizzja. Irridu napprezzaw l-ugwaljanza u l-onestà.

Jekk aħniex Musulmani jew le xorta għandna nsegwu l-prinċipji universali ta' ġustizzja li huma mniżżla fil-Koran Imqaddes. Kif stqarr b'mod poetiku l-Profeta tal-Iżlam[sa], għandna nħobbu għall-oħrajn dak li nħobbu għalina nfusna. Għandna nosservaw id-drittijiet tal-oħrajn bl-istess entużjażmu u determinazzjoni li nosservaw id-drittijiet tagħna. Għandna nwessgħu l-orizzonti tagħna u nħarsu lejn dak li huwa sewwa għad-dinja, u mhux biss dak li jgħodd għalina. Dawn huma l-mezzi għall-paċi fi żmienna.

Mill-qigħan ta' qalbi, nitlob li Alla l-Omnipotenti jagħti d-dehen lil kulħadd u lin-nazzjonijiet kollha ħalli b'dan l-ispirtu altruwist jaħdmu flimkien għat-titjib tal-umanità. B'dan il-kliem nirringrazzjakom – grazzi ħafna." (*Il-Ġustizzja f'Dinja Inġusta*)

# F’Liema direzzjoni sejra d-dinja?

Is-sitwazzjoni preżenti tad-dinja hija tajba? Għandna paċi u sigurtà fis-soċjetajiet tagħna? Għandna biża’ mill-eventwalità ta’ gwerra dinjija? Id-dinja riesqa lejn it-Tielet Gwerra Dinjija? Dawn huma xi mistoqsijiet li jixirfu meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni preżenti tad-dinja. Id-dinja bħalissa għaddejja minn żminijiet imwiegħra u diffiċli ħafna. Il-kriżi ekonomika globali qed tkompli tikxef perikli ġodda u aktar serji kważi kull ġimgħa.

Il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya, ilu jiġbed l-attenzjoni tad-dinja dwar dan mindu sar il-Kalif fl-2003. Fl-2008, fid-diskors tiegħu ġewwa l-Parlament Brittaniku, qal:

> **“Hu l-biża’ tiegħi li meta nħarsu lejn id-direzzjoni li fiha mexjin l-affarijiet illum, id-dinamika politika u ekonomika tal-pajjiżi tad-dinja tista’ tressaqna lejn gwerra dinjija. Mhux biss il-pajjiżi foqra tad-dinja, iżda wkoll il-pajjiżi sinjuri li qed jiġu affettwati. Għalhekk, hu d-dmir tas-superpotenzi li joqogħdu bilqiegħda u jsibu soluzzjoni biex isalvaw l-umanità mix-xifer tad-diżastru.”**

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya pprofetizza li t-Tielet Gwerra Dinjija se tkun ta’ dimensjoni saħansitra akbar minn dik tat-Tieni Gwerra Dinjija u qal li l-mewt u l-qerda se tinfirex ma’ kullimkien u l-fjammi feroċi se jdawru lid-dinja minn kull naħa sa ma jeqirduha.

Il-kunflitti riċenti huma evidenti biżżejjed ta’ kemm aħna ’l bogħod mill-paċi fid-dinja. Ir-relazzjonijiet bejn ir-Russja u l-Ukrajna, l-Indja u l-Pakistan, bejn il-Lhudi u l-Musulmani; kunflitt fil-Lvant Nofsani, dak bejn il-Ħindu u l-Musulmani fl-Indja, u n-nuqqas ta’ fiduċja bejn il-pajjiżi tal-Punent u r-Russja, li lkoll qed jitolbu mid-dinja għal passi importanti biex tiġi stabbilita l-paċi.

Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], tul dawn l-aħħar snin, hekk kif żvolġew iċ-ċirkustanzi, iddikjara ġenwinament li l-uniku mod kif tiġi assigurata l-paċi fid-dinja huwa li jiġu adottati l-virtujiet tal-umiltà u tal-ġustizzja, u li umilment, b’sens ta’ ubbidjenza, nerġgħu nersqu lejn Alla.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**“ID-DAWL”** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**